# L-GHASFUR

## u l-ambjent naturali



MOS

MZ6
UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
2
MZ6

L-GHASFUR
u l-ambjent naturali

XITWA 1982 NUMRU 2

IS-SOĊJETA ORNITOLOĠIKA MOS PO BOX 498, VALLETTA
TAQSIMA ŻGĦAŻAGĦ

## F'DIN IL-ĦARĠA

3 Kif tagħraf Għasfur
*(minn V Falzon)*

6 Iz-Zizka
*(minn J Sultana)*

8 Wied il-Lunzjata
*(minn S Balzan)*

11 Il-Barbaġann
*(minn M Grima)*

15 Iż-Żring
*(minn A E Baldacchino)*

*BORD EDITORJALI*
*Editur:* A E Baldacchino
*Membri:* S Balzan
G Bonett
M Grima
*Typesetting u Artwork:*
A E Baldacchino
*Mitbugh:* ABC Press

RITRATT TAL-FAĊĊATA
**Russett tas-Siġar** (Little Bittern)
*(ritratt ta' J Doublet)*

RITRATT TA' WARA
**Żring** (Painted Frog)
*(ritratt ta' G Bonett)*



### IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FAVUR APPREZZAMENT POŻITTIV

Sa ftit ta' snin ilu l-uniku mod kif wieħed kien jaħseb li jista' japprezza l-agħsafar kien jew billi jaqbadhom ħajjin għall ġol-gaġġeg, jew billi joqtolhom biex iġġemmahom ibbalzmati. Illum wara 20 sena ta' ħidma edukattiva kontinwa mis-Soċjetà Ornitoloġika (MOS) beda jidher il-frott — apprezzament veru. Ħarsa lejn L-GĦASFUR U L-AMBJENT NATURALI turi kif iż-żgħażagħ iridu japprezzaw l-agħsafar u l-ambjent naturali tagħhom: bl-osservazzjoni, bl-istudju, bit-tpinġija u anke permezz tal-fotografija.

L-apprezzament negattiv ta' l-imgħoddi jistona ferm ma' dan l-apprezzament modern u positiv. Wieħed li kien jara għasfur kien jagħmel minn kollox biex ma jħallix lill-ħaddiehor jinduna bih ħalli jkun hu biss li jilħaq jaqbdu u jagħmlu tiegħu. Illum meta wieħed jara għasfur u jixtieq japprezzah pożittivament ma jsib xejn ħażin li jgħajjat lill-sħabu biex ikunu jistgħu japprezzawh huma wkoll. U hekk għandu jkun. L-agħsafar huma ta' kulħadd u kulħadd għandu d-dritt igawdihom fl-ambjent naturali tagħhom. Għalhekk l-agħsafar u l-ambjent naturali għandhom bżonn il-ħarsien u l-protezzjoni tagħna biex huma jkunu jistgħu jibqgħu jittajru ħielsa u joktru aktar ħalli aħna lkoll nkunu nistgħu ngawduhom. Bosta żgħażagħ dan aċċettawh u lesti li jaħdmu favur apprezzament positiv tal-wirt naturali kollu.

Alfred E Baldacchino
Editur


KINNIE
KINNIE
MAKING
GOOD TIMES
BETTER STILL
KINNIE - always first for thirst

# Travelcare



Forget about the hustles associated with travel. At Travelcare we will look after your every need. Our services include: world-wide air transportation, package tours to Europe, sea and rail tickets, hotel/apartment accommodation, sight- seeing tours, and harbour cruises. Also insurance, including personal accident, medical expenses and luggage.

For all your travel requirements contact:

Travelcare Limited, 26, Old Bakery Street Valletta.

**Tel: 605874. 24820**

***Your satisfaction is our aim.***

# KIF TAGĦRAF GĦASFUR

*minn V Falzon*

Il-kapaċita' li wieħed jagħraf għasfur hija ewlenija fl-istudju ta' l-ornitoloġija, kif ukoll fil-passatemp ta' l-osservazzjoni ta' l-agħsafar (**bird-watching**). Għalxejn li tgħid **Rajt għasfur li qatt ma kont rajt bħalu qabel** għax ftit li xejn tista' titgħallem minn hekk.

Fil-bidu kollox jidher diffiċli, u wieħed jista' jsibha bi tqila biex jagħraf għasfur. Is-sigriet huwa fl-aħħar mill-aħħar dejjem l-esperjenza. Dan ifisser li aktar ma jmur aktar wieħed jibda jsibha faċli li jagħraf igħid x'kien l-għasfur żgħir li ra jaqbeż minn siġra għall-oħra fil-ġnien tiegħu, jew inkella x'kienet dik il-qatgħa tajr kbir bajdani li ra dieħla minn fuq xi bajja.

Enċiklopedija fuq l-agħsafar tgħidilna li fid-dinja hawn madwar 8600 speċi (kwalita' ta' għasafar). Dan in-numru kbir m'għandux jagħti qtajja' għax hemm ħafna fatturi, kif ser naraw, li jċekknu dan in-numru enormi. Iżda qabel ma nibdew nanalizzaw dawn il-fatturi nibdew biex ngħidu li min jixtieq jibda jitħarreġ f'dan il-qasam għandu jkollu — bħal f'kull passatemp ieħor — l-għodod xierqa biex jiffaċilitaw l-istudju. Bażikament huma żewġ biċċiet għodda: waħda hija tromba **binocular** sabiex tqarreb lejk id-dehra ta' l-għasfur li tkun qiegħed tara; kif ukoll ktieb apposta **field-guide** għal referenza ta' malajr li jkun jinkludi informazzjoni u stampi ta' l-ispeċi kollha li jinstabu f'ċerta żona, ngħidu aħna, l-Ewropa.

Biex nibdew, nieħdu l-karatteristika l-aktar faċli li tinnota, u din hija d-daqs ta' l-għasfur. Sabiex ikollok xorta ta' mudell għall-paraguni l-aħjar li titgħallem iżżomm f'moħħok bejn wieħed u ieħor id-daqs ta' xi għasfur komuni — f'Malta għandna l-Għasfur tal-Bejt ***Passer hispaniolensis*** (Spanish Sparrow), jew il-ħamiema — biex meta tara xi għasfur li ma tafx x'inhu tikkalkulah fuq id-daqs ta' l-għasfur li taf: fi kliem ieħor huwa ta' għajnuna li tgħid: **"Rajt għasfur ftit ikbar minn tal-Bejt, imma iżgħar minn ħamiema"**, milli tgħid: **"Rajt għasfur la żgħir u lanqas kbir"**. B'hekk tkun diġa għamilt pass importanti, li fil-prattika huwa pass li ma tantx trid biex tidra tagħmlu.

It-tieni fattur huwa l-forma ta' l-għasfur. Din tirrikjedi daqsxejn aktar osservazzjoni minn dik li sempliċiment tagħraf id-daqs. Imma bl-osservazzjoni tal-forma mhux biss iddarri għajnejk għal aktar dettalji, iżda tkun tista' wkoll telimina familji u gruppi sħaħ ta' għasafar u ta' speċi possibli mil-lista ta' x'jista' kien l-għasfur misterjuż li tkun rajt. Lejn x'hiex għandek tħares rigward il-forma? Tinnota per eżempju, jekk il-ġisem kienx mislut bħal tal-Bekkafiki (Warblers) jew jekk kienx imbaċċaċ bħal tas-Summiena (Quail). Imbgħad l-għonq: kien twil bħal ta' l-irsiset (Herons), jew qasir bħal tar-tar-Rundun (Swifts)? Saqajħ kienu twal bħal tax-Xifa (Avocet) jew qosra bħal tal-Ħuttafa (Swallow)? L-istess rigward il-munqar, li tiegħu hemm ħafna għamliet: kien twil u milwi 'l isfel bħal tal-Gurlin



Russett



Summiena



Bekkafik



Xifa



*Seqer*



*Borka*



*Gurlin*

(Curlew), jew qasir u qisu pala bħal tal-Borok (Ducks), jew inkella qisu ganċ bil-ponta bħal ta' l-Isqra (Falcons)? Jekk kien qed itir, il-ġwienaħ kienu twal u rqaq bħal tal-gawwi (Gulls), jew qosra u wesgħin bħal ta' l-imlievez (Thrushes)? Jekk tinnota ħafna drabi semmejna l-agħsafar fil-plural, u dan juri li ħafna drabi l-forma tkun karatteristika mhux għal speċi waħda biss, iżda għal familja sħiħa ta' għasafar. Biex nieħdu eżempju milli semmejna, nieħdu l-munqar qasir u milwi 'l isfel bħal ganċ u bil-ponta. Dan it-tip ta' munqar qiegħed biex iqatta' l-laħam, u għalhekk huwa tipiku għal tajr tal-priża (birds of prey) li jinkludu ajkli, kuċċard, isqra, bugħadani, arpi, sparvieri u kokk.



*Malvizz u Gawwija*

Minhabba li fil-ktieb l-agħsafar huma kollha miġbura fil-familji naturali tagħhom, ir-referenza tkun eħfef u kif għedna qabel, b'karatteristika waħda tista' għall-inqas jekk ma tgħidx x'inhu l-għasfur, tkun cert x'mhuwiex.

Wara d-daqs u l-forma trid tara ftit il-lokalita' ta' l-għasfur, kif ukoll tosserva l-imġieba tiegħu. Ngħidu aħna: kien qiegħed igħum fil-baħar, jew bil-wieqfa f' għadira ilma, jew jiġri fil-ħaxix f'xi għalqa mwarrba, jew jiċċaqlaq kontinwament qalb il-weraq f'siġra? Tiskanta kemm igħinu dawn id-dettalji żgħar, għax mhux l-agħsafar kollha juru l-istess imġieba, jew jidhru fl-istess lokalitajiet. Flimkien ma' dan, ta' min isemmi l-fatt li qabel kollox wieħed għandu jagħti kas tad-distribuzzjoni ta' l-agħsafar. Jekk fil-bidu għedna li fid-dinja hawn 8600 speċi ta'għasfur, dan ma jfissirx li ser issibhom kollha fl-Ewropa, aktar u aktar f'Malta. Fil-fatt fil-ġzejjer tagħna ir-rekord ta' l-ispeċi li dehru ma jaqbiżx it-350 fin numru, u terġa' dawn mhux kollha jidhru fl-istess żmien u staġun tas-sena. Għalhekk l-għazla dejjem tonqos.

Nidhlu aktar fid-dettall, u din id-darba l-osservazzjoni trid tkun ċara u eżatta, fejn jidħol il-kulur u xi marki speċjali fir-rix ta' l-għasfur. S'issa tkellimna dwar karatteristiċi ftit jew wisq ġeneriċi u mhux partikulari. Fejn jidħlu l-partikolaritajiet jinħtieg li jkun hemm xi ftit ta' l-għarfien ta' l-anatomija ta' l-għasfur. Dan m'għandux jaqtalna qalbna għax, fil-fatt, ftit huma t-termini tekniċi u malajr nitgħallmuhom. Il-ġewnah, per ezempju, huwa maqsum fi tliet partijiet sempliċi -- il-pinen primarji (ta' barra nett), is-sekondarji u t-terzjali. Dawn it-tliet settijiet ta' pinen huma l-akbar rix fil-gewnah. Ir-rix l-ieħor ikun iżgħar u aktar artab u dawn iservu bħala għatja (coverts). Importanti l-anatomija tal-ġewnaħ għax ta' spiss ikun hemm strixxi, dbabar, tikki u disinji oħra fuqhom, li minnhom tista' tagħraf l-ispeċi. Il-borok, per eżempju, huma magħrufin għall-istrixx (speculum) wiesa' li għandhom fuq il-pinen sekondarji, li jkun dejjem ta' kulur li jispikka. Il-marki partikulari ta' l-ispeċi diversi jinstabu fil-partijiet kollha tal-ġisem: jistgħu jkunu fir-ras jew fuq l-għajn, fil-ġenb tal-geddum, fuq il-moħħ, fis-sider, fiż-żaqq, fid-dahar, fil-ġnub, fid-denb, fil-parti ta' bejn id-dahar u d-denb (rump), u naturalment fil-ġwienaħ. Dawn ikunu dettalji li jekk ma toqgħodx attent malajr tinsiehom, u għalhekk tajjeb li meta tkun qiegħed tosserva l-agħsafar ikollok biċtejn karti li fuqhom tkun




tista' malajr tħażżeż l-għamla ta' l-għasfur bil-marki li tkun għadek kif osservajt biex imbagħad tkun tista' tikkonsulta l-ktieb ta' l-agħsafar bil-kwiet u bir-reqqa. Naturalment id-disinn ta' l-għasfur m'għandux ikun elaborat — biżżejjed żewġt iċrieki għar-ras u l-ġisem u xi erba' linji għas-saqajn, ġwienaħ u munqar; li għandek toqgħod attent huma naturalment il-marki u li timmarkahom kemm jista' jkun fil-post preċiż tad-disinn.

It-titjira ta' l-għasfur hija fattur ieħor li l-osservatur tajjeb li jitgħallem jagħrafha, għax kultant is-sitwazzjoni tkun li wieħed ma jkunx jista' josserva l-kuluri u r-rix. Kif qiegħed itir? Qiegħed jaqdef igħaġġel jew bil-mod, jew forsi waqaf mill-qdif għal waqtiet twal u qagħad jagħmel ċrieki wiesgħa bil-ġwienaħ miftuħin? Dan jagħmluħ ħafna tajr tal-priża. L-ispanjulett (Kestrel) per eżempju, kapaċi wkoll jieqaf fl-ajru filwaqt li jaqdef bil-ġwienaħ. Iċ-Ċinji (Swans), il-Wiżż (Geese), il-Graw (Cranes) u ċ-Ċikonji (Storks) itiru b'għonqhom stirat quddiemhom filwaqt li l-Irsieset (Herons) ideffsu rashom lura f'ġisimhom u jtiru donnhom bla għonq. Id-direzzjoni tat-titjira tvarja wkoll: hemm agħsafar li jtiru f'linja dritta bħall-Isturnall (Starling), u hemm li jitilgħu u jinżlu bħall-Gardell (Goldfinch); hemm titjiriet eleganti ħafna bħal tal-Ħuttaf (Swallow), jew titjir bla grazzja bhal tal-Gallozz Iswed (Moorhen); hemm min itir fl-għoli u hemm min itir fil-baxx. Dawn huma kollha varjazzjonijiet li joffru studju interessanti ta' osservazzjoni.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-għajta ta' l-għasfur. Fil-biċċa l-kbira aktar ma speċi tkun tixxiebaħ fir-rix, fid-daqs u fil-lokalita' ma' speċi oħrajn, aktar ser tkun id-differenza fl-għajta, għaliex b'hekk jintgħarfu bejniethom. Tant hemm diversita' fl-għajta jew fl-għanja ta' l-agħsafar, li jekk tkun ta' l-esperjenza (u għal dan trid esperjenza mhux ħażin) tista' tkun miexi qalb is-siġar u tibda tagħraf speċi wara l-oħra mingħajr ma tarahom. M'hemmx għalfejn tkun qalb is-siġar: tista' tkun ukoll ħdejn xi għadajjar ta' l-ilma, fejn jinġabru l-agħsafar tal-plajja (Waders) u li fix-xitwa tant ikunu jixxiebhu li trid tkun l-għajta jew it-tisfira tagħhom li turik eżattament xi speċi huma.

L-osservazzjoni ta' l-agħsafar tista' tagħmlu waħdek, iżda l-aħjar metodu u l-aktar li bih titgħallem huwa meta tkun tista' toħroġ ma' xi ħadd li għandu l-esperjenza f'dan il-qasam. Tajjeb ukoll li titħajjar tingħaqad mas-Soċjeta' Ornitoloġika, fejn tkun tista' tmur f'ħarġiet apposta li minnhom titgħallem, u li permezz tagħhom taqsam l-esperjenzi tiegħek mal-membri l-oħra, biex b'hekk titrawwem sewwa f'dan il-passatemp u studju fl-istess ħin. ●


*Spanjulett*


*Ħuttafa*


*Russett*


*Ċikonja*

# IZ-ZIZKA

*minn J Sultana*

Ħafna mill-ispeċi ta' l-agħsafar tista' tarafhom mill-kulur. Oħrajn tarafhom mill-għamla u d-daqs tagħhom, filwaqt li hemm oħrajn li tkun tista' tiddeċiedi x'inhuma mill-għajta jew l-għanja tagħhom kif ukoll mill-imġieba. Iz-Zakak huwa wieħed minn dawk l-agħsafar li tista' tgħid tagħrafhom mall-ewwel għax l-għamla, l-għajta, il-kulur u l-imġieba huma differenti minn dawk t'għasfur ieħor.

Iz-Zakak huwa għasfur mislut b'denb relattivament dejjaq u twil, b'saqajn kemmxejn twal li jgħinnuh jimxi u anke jiġri fl-art. F'Malta jidhru iżjed minn speċi waħda ta' Zakak. Biex tarafhom jgħinnuk il-kuluri u anke l-għajta. Aħna għandna iz-Zakak l-Abjad (White Wagtail), iz-Zakak tad-Dell (Grey Wagtail) u l-Isfar (Yellow Wagtail). It-tlieta huma komuni. Iz-Zakak l-Abjad u z-Zakak tad-Dell jidhru fil-ħarifa u jqattgħu x-xitwa magħna filwaqt li l-Isfar ipassi fil-ħarifa u r-rebbiegħa għax dan iqatta x-xitwa fl-Afrika l-isfel mid-deżert tas-Saħara. It-tlieta jieklu insetti, brimb u dud ieħor li jiġbru mill-art fejn iqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ġurnata għax għalkemm jorqdu fis-siġar jew fil-qasab huma agħsafar biex ngħidu hekk, ta' l-art.



*Zakak tad-Dell*

Iz-Zakak iħobb iżomm ħdejn xi għadira jew nixxiegħa għalkemm dawk tad-Dell u l-Abjad jippreferu wkoll iżuru l-irziezet



*Zakak Abjad*

fejn isibu abbundanza ta' ikel mid-demel ta' l-annimali. Mill-banda l-oħra l-Isfar fir-rebbiegħa, jinżel ukoll fi qtajja qalb ir-raba' speċjalment tal-ġulbiena jew dawk maħruta kif ukoll ifittex l-ikel qalb xi merħla nagħaġ jew mogħoż.

Iz-Zakak l-Abjad fiħ madwar 18cm minħabba t-tul ta' denbu. Huwa iswed, abjad u griż. Id-dahar huwa griż, bi ftit iswed fuq ir-ras. Minn taħt ikun bajdani bi strixxa sewda f'għamla ta' nofs qamar. Dan jitlagħlu sa munqaru fir-rebbiegħa. Parti kbira mil-populazzjoni li tqatta x-xitwa magħna torqod fis-siġar li hemm fil-pjazza ta' l-Assedju l-Kbir fil-belt. Oħrajn jorqdu fis-siġar fil-Marsa Industrial Estate filwaqt li f'Għawdex jorqdu fil-qasab tal-Lunzjata kif ukoll fis-siġar li hemm fit-terminus tal-karozzi tal-linja fir-Rabat.



*Isfar rasu blu*



*Isfar rasu sewda*



*Isfar rasu griża*

Iz-Zakak tad-Dell fih daqs l-Abjad u għandu r-ras u d-dahar griż jagħti fil-blu. Fixxitwa minn taħt ikun abjad safrani iżda fir-rebbiegħa jibda jsir isfar jgħajjat. Taħt għonqu jibda jtella wkoll l-iswed. Wieħed l-iżjed li jiltaqa miegħu f'waħdiet fil-widien ħdejn xi nixxiegħa. Ġeneralment ma jħobbx iżomm fi qtajja' bħal l-Isfar u ma jingabarx fi qtajja' għar-rqad bħal ma jagħmel l-Abjad. L-għajta tiegħu zi-zik tixbah lil dik ta' l-Abjad iżda bi ftit esperjenza wieħed ikun jista' jidentifikahom anke mil-għajta li ġeneralment isemmuha waqt li jkunu jtiru.

L-Isfar huwa wieħed mill-iżjed agħsafar komuni fil-passa kemm dik tar-rebbiegħa kif ukoll dik tal-ħarifa u ta' sikwit jidher fi qtajja kbar. Id-dahar ta' din l-ispeċi huwa aħdar safrani. Minn taħt ir-raġel ikun isfar jgħajjat filwaqt li l-mara tkun iżjed griża u bajdanija. Din l-ispeċi tinstab f'diversi razez li ftit minnhom jidhru f'Malta. Id-differenza bejniethom tidher l-iżjed fl-irġiel. L-iżjed li jidhru f'Malta hemm dak ta' rasu bluna b'faxx abjad fuq ir-riħ t'għajnejħ, dak ta' rasu sewda u ieħor b'rasu griża. Id-denb ta' l-Isfar huwa wkoll twil iżda mhux daqs taż-żewġ zizka l-oħra. F'Għawdex l-Isfar huwa iżjed magħruf bl-isem ta' Gurunell.

Iz-Zizka huma mħarsa bil-liġi. Madankollu ħafna żgħażagħ għadhom illegalment jonsbu għas-Sofor f'postijiet bħal Lunzjata, il-Wied ta' Għajn Riħana, l-Imrieħel u nħawi oħra.



*Isfar*




# WIED IL-LUNZJATA

L-irdumijiet majestużi ta' Ċenċ jiddominaw fil-Gżira ta' GĦawdex. Dawn jogħlew sa 150 metru 'l fuq mill-baħar. F'nofs dawn l-irdumijiet insibu fetħa li tgħati għall-bajja żgħira. Il-ġewwa, qabel ma taqbad il-bajja hemm il-Wied tax-Xlendi. Dan il-Wied huwa ambjent naturali importanti, u huwa l-uniku f'dawn il-gżejjer. Forsi Mġarr ix-Xini biss iħabbata miegħu, għal-kemm dan ma fiħx daqshekk ħdura.

Qasab u għollieq jiksu l-qiegħ tal-Wied f'medda twila. Mal-ġnub insibu rqajja ta' maquis bil-ħxejjex u s-siġar karatteristiċi tiegħu. Il-parti ta' fuq tal-wied tinqasam f'żewġ frieghi, waħda nieżla mir-raħal tal-Munxar u l-oħra mill-Lunzjata. Il-Wied tal-Lunzjata iħaddar bil-qasab u pjanti oħra imkennija bi ġnub miksija b'siġar kbar tal-ħarrub u taż-żebbuġ. Fil-Lunzjata, ir-raba huwa għammiel u msoqqi minn nixxiegħa ta' ilma ġieri li sserrep matul il-wied kollu.

Wied il-Lunzjata ma hux mgħaruf biss għall-pjanti u s-siġar u r-raba fertili, iżda wkoll għall-passa ta' l-agħsafar. Ħarsa lejn il-mappa ta' Għawdex malajr turina kemm Wied il-Lunzjata hu mportanti għax l-ewwel fetħa fl-irdumijiet li l-agħsafar isibu hija x-Xlendi u ma' dan il-Wied l-agħsafar jibqgħu tielgħin, ħafna drabi kontra r-riħ.

L-ewwel agħsafar li jidhru fir-rebbiegħa huma id-diżż (Tree Pipit)għaddej fi qtajja żgħar matul il-wied, kif ukoll numru kbir ta' Ħuttaf (Swallows) u Ħawwief (House Martins). Il-Vjolin tax-Xitwa (Chiffchaff) iżiġġ qalb il-qasab jaqbad nemus u nsetti rqaq oħra. L-Isfar u z-Zizka (Wagtails) jidhru fi qtajja kbar jiġru wara l-insetti li jkun hemm viċin l-għadajjar li jkunu jinstabu fil-wied. L-Isfar (Yellow Wag-tail) ukoll jidher jirgħa fl-egħlieqi tal-patata u tal-ġulbiena.

Qtajja kbar ta' kull speċi ta' rsieset jistgħu jidhru għaddejjin minn fuq il-Wied. L-aktar komuni huwa l-Agrett Abjad (Little Egret) ir-Russett l-Aħmar (Purple Heron) u l-Kwakka (Night Heron). Bosta kwakki u rsieset iħobbu jpoġġu fil-ħarrub tal-Wied iżda ir-Russett tas-Siġar (Little Bittern) jippreferi li jinsatar qalb il-qasab fejn jistad għaż-żrinġijiet li huma komuni fin-nixxiegħa fejn jinstab ukoll il-Granċ ta' l-ilma ħelu magħruf bħala l-Qabru.




*Vjolin tax-Xitwa*

Fil-parti tal-Wied fejn mhix mistura bil-qasab u s-siġar jinżlu wkoll l-agħsafar tal-plajja li jieklu l-ħniex u d-dud. Fost dawn l-agħsafar insibu l-Pespus tal-Baħar (Wood Sandpiper) u l-Beggazzina tar-Rokka (Common Sandpiper). Iżda jekk hemm għasfur li jħobb il-widien bl-ilma mnejn jaqbad in-nemus, dan huwa l-Ħuttafa u l-Ħawwiefa. Dawn iħobbu jinġemgħu bl-eluf fi-qtajja kbar u jħufu u jiżżagħblu fil-baxx matul il-wied. Dawn jgħatu dehra sabiħa ta' akrobazija flimkien mar-Rundun (Swift). Fost dawn insibu erba speċi: il-Ħuttafa (Swallow), il-Ħawwiefa (House Martin), ir-Reġina tal-Ħuttaf (Red-rumped Swallow), u il-Ħawwiefa tax-Xtut (Sand Martin). In-numru kbir ta' dawn l-agħsafar iħajjar għasafar oħra, bħas-Seqer tal-Ħannieqa (Hobby) li jħuf għall-priża tiegħu u jinżel fuqha bħal vleġġa.




*Bekkafik Isfar*




*Seqer tal-Ħannieqa*

Wieħed ma jistax isemmi l-Lunzjata mingħajr ma jsemmi l-Gamiema (Turtle Dove). Il-Gamiem ukoll iħobb il-Lunzjata iżda fejn ikun hemm il-Gamiem ikun hemm il-kaċċatur u ma jkunx hemm Gamiem fil-Wied u ma tismgħax sparatura. Ħafna minn dan l-isparar isir illegalment minn turretti twal viċin il-bini. Fi ġranet tajbin il-Gamiem ipassi fi qtajja kbar minn fuq il-Wied tal-Lunzjata. Fil-passat, xi par jew tnejn ippruvaw ibejtu fil-ħarrub fuq ir-riħ tal-wied.

Minbarra l-agħsafar li semmejna, hemm ukoll agħsafar oħra, ferm iktar żgħar, bħal-buful. Fost dawn l-agħsafar żgħar insibu l-Kudiross (Redstart) li jħobb l-aktar is-siġar ta' mal-wied. Hemm ukoll il-Buċaqq tas-silla (Whinchat). Dan iħobb postijiet fil-beraħ, l-iżjed l-egħlieqi. Ċerti agħsafar ma tantx wieħed jarahom, imma l-għajta tagħhom ħafna drabi jikxifhom. Fosthom il-Bagħal tas-Simar (Sedge Warbler) jinstemgħa l-aktar mill-qasab jew xi għalqa biż-żargħa. Il-Bagħal tal-Qasab (Reed Warbler) u il-Bagħal Prim (Great Reed Warbler) jħobbu l-qasab u jixxiebħu ħafna iżda l-Bagħal Prim hu ferm ikbar. Agħsafar oħrajn li nsibu huma l-Bekkafiki Sofor (Icterine Warbler) u l-Bekkafiki Ħomor (Whitethroats). Fost l-agħsafar li jixxiebħu mhux biss fid-daqs hemm il-Vjolini (Leaf Warblers): il-Vjolin Pastard (Willow Warbler) u l-Vjolin Ħadrani (Wood Warbler) tarahom jżommu ħdejn xi siġra minn fejn jittajru biex jaqbdu xi dubbiena mill-ajru.

F'ġurnata tajba tal-passa il-Lunzjata tkun miksija biż-żanżarelli (flycathers), ħafna drabi jkunu f'xi quċċata ta' xi fergħa jittajru fl-ajru jaħtfu xi nsetti.

Mat-tluq tal-passa jibqgħu biss il-ftit agħsafar li jbejtu fil-Lunzjata. L-iktar wieħed interessanti hu l-Bagħal tal-Għollieq (Cetti's Warbler) li għalkemm diffiċli tarah, l-għanja ħelwa tiegħu tidwi mal-wied. Iżda ta' nteress ukoll huwa l-Għammiel tas-Sigar li ibejjet f'bini abbandunat fil-wied.



*Durrajsa*

Fis-Sajf fil-Lunzjata ħlief friegħ mtajjrin tal-Bagħal tal-Għollieq, tal-Bufula Sewda u qtajja żgħar tad-Durrajs ma jkunx hemm. Xi Merill (Blue Rock Thrush) dejjem jħobb joqgħod mal-ġnub tal-Wied tax-Xlendi.

Fil-Ħarifa l-istess storja tirrepeti ruħha imma din id-darba il-varjeta u l-kwalita tal-agħsafar tkun akbar. Il-wasla tal-ħarifa tismagħha kmieni f'nofs Awissu meta mil-wied tinstema l-għajta tal-Għasfur ta' San Martin (Kingfisher). Bil-mod l-agħsafar jibdew jidhru u l-ewwel għanja ħelwa tal-Pitirross tibda tinstema minn nofs Settembru. Imbgħad f'daqqa waħda jibdew tal-għana. Meta ngħidu agħsafar tal-għana nkunu qed nirreferu għall-Ġojjin (Linnet), il-Gardell (Goldfinch), l-Ekru (Siskin), l-Apparell (Serin), l-Isponsun (Chaffinch), u taż-Żebbug (Hawfinch). Kieku ma jkunx għall-insib bla rażan ta' dawn l-ispeċi kieku jkun hemm iktar li jqattgħu x-xitwa magħna u xi wħud anke jbejjtu. Il-Ħarifa fiha l-ġmiel tagħha: il-Buqrajq (Nightjar) li mal-għabex tarah tielgħa mal-art, jew il-qtajja' mlievez (Song Thrushes) u Alwett (Skylarks).

Fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja, u fix-xitwa l-Lunzjata hekk tkun. Fil-ħaxix niedi u fit-tajn jkun hemm il-Bkakeċ (Snipes) jieklu u jżommu ruħhom moħbija u lesti biex jtiru fl-aħħar mument. Mal-ilma fil-miftuħ ikun hemm iz-Zakak Abjad (White Wagtail), iz-Zakak tad-Dell (Grey Wagtail) u l-Psiepes (Meadow Pipit) kif ukoll psiepes oħrajn inqas komuni.

Il-qasab tal-Lunzjata s-soltu jkun mimli bil-Vjolin tax-Xitwa (Chiffchaff) u ħafna drabi dejjem jkun hemm f'numri żgħar id-Durrajs tal-Qasab (Reed Bunting). Isfel nett mal-qasab tal-wied żgur jkun hemm il-Glalez, l-iktar il-Gallozz tax-Xitwa (Water Rail) li aktar tinstema l-għajta tiegħu qisha ta' ħanżir milli jidher. Hemm ukoll il-Gallozz Iswed (Moorhen), li kieku ma jkunx għall-kaċċaturi żgur joħroġ minn qalb il-ħaxix u l-qasab biex jgħati gost lill min jaf verament japprezza l-ħajja ta' l-agħsafar. Dawn kollha huma ftit mill-agħsafar li wieħed jista' jara l-Lunzjata. Hemm ġranet, meta wieħed jkun fortunat u jara xi agħsafar rari bħal ngħidu aħna xi Russett Abjad (Great White Egret) jew xi Bumunqar (Scarlet Rosefinch). L-istorja tal-Lunzjata ma tieqafx hawn, il il-Lunzjata hija ferm importanti mill-aspett naturali, hemm żewġ għedewwa kbar tagħha.

Il-kaċċaturi ma jħallux l-agħsafar jgħixu u jittajru ħielsa f'dan il-Wied. Ma' dawn ta' min isemmi dawk it-tfal li jinżlu mill-Munxar, mir-Rabat, u minn Kerċem biex jaqbdu iz-zizka kif ukoll il-ħuttaf. Dawn it-tnejn jgħinu biex dan il-Wied jiftaqar minn dawn il-ħlejjaq li jgħatu tant ħajja u kulur u huma tant bżonjużi.

Barra minn hekk, il-pressjoni tal-bini esaġerat kemm dak għall-abitanti tal-lokal minn naħa tal-Lunzjata, kif ukoll dak turistiku minn naħa tax-Xlendi, dejjem qiegħed jaħtaf u jeqred dan il-post uniku. B'riżultat ta' dan il-bini bla kontrol jirriżulta li bosta drabi id-drenaġġ ifur u jiġri u jniġġes il-qiegħ tal-Wied b'konsegwenzi koroħ kemm għall-ħajja li tgħix fil-Wied kif ukoll għall dik li indirettament tgħix mill-Wied.

Ikun pass ferm kuraġġuż jekk il-Wied tal-Lunzjata jiġi ddikjarat post ta' importanza naturali u b'hekk l-izvilupp bla kontroll u l-konsegwenzi tiegħu, kif ukoll il-kaċċa u l-insib illegali ma jkunux jistgħu jaħtfu dak li jista' jkun ta' tant serħan u sodisfazzjon f'apprezzament tan-natura għall-kulħadd

# IL-BARBAĠANN

*minn M Grima*

IL-BARBAĠANN *Tyto alba* (Barn Owl) huwa wieħed mill-agħsafar li hawn Malta ftit nies irnexxielhom jaraw ħaj fl-ambjent naturali tiegħu. Fortunatament għad baqa xi par jew tnejn, iżda dawn qiegħdin dejjem fil-periklu li jinqerdu. Jekk il-kaċċaturi li jiltaqgħu miegħu ma jikkontrollawx il-gosti koroħ tagħhom, il-Barbaġann jinqered għall dejjem minn pajjiżna bħal ma ġara liċ-Ċawla.

Il-Barbaġann hu għasfur tal-priża, jiġifieri għasfur li jaqbad agħsafar jew annimali żgħar biex jiekol. Iżda barra minhekk hu wieħed mir-razza tal-kokk li huma magħrufa għall-ħila li għandhom biex ifittxu l-ikel bil-lejl. (Hawn ta' min isemmi li hawn xi kokk bħal **Hawk Owl**, il-**Pigmy Owl** u l-**Fishing Owl** li jikkaċċjaw b'inhar).

Il-Barbaġann hu twil 34 ċentimetru, ta' lewn isfar deħbi fuq ir-ras, id-dahar u d-denb bi dbabar griżi u tikek suwed irqaq kultant fuq tikek bojod. Is-sider u taħt huma bojod. Wiċċu hu ċatt, abjad u b'forma ta' qalb b'għajnejn kbar suwed. Il-munqar hu mgħawweġ 'l isfel u dan jgħin biex ma jtellifx il-vista. Is-saqajn, li huma miksija sad-dwiefer b'rix abjad fin ħafna, għandhom dwiefer twal u bil-ponta biex ikun jista' jaqbad il-priża mingħajr tbatija.

Hawn Malta, l-Barbaġann isib toqob fondi fil-blat f'xi rdum jew f'xi kastell mitluq fejn iqatta' l-jum jogħnos jistenna nżul ix-xemx. Imbgħad joħroġ ifittex l-ikel li jikkonsisti f'mammiferi żgħar bħal ġrieden u firien. Ġieli jiekol agħsafar tal-bejt *Passer hispaniolensis* (Spanish Sparrow) li jkunu reqdin f'xi siġra għolja. Hawn Malta għandna għaliex nieħdu ħsieb dan l-għasfur għax jista' jgħinna nikkontrollaw in-numru ta' ġrieden fil-kampanja tagħna. Barra minn Malta l-bdiewa jagħmlu minn kollox biex ikollhom xi par Barbaġann ibejjet fir-razzett tagħhom u jieħdu ħsiebu ferm. Xi ħbieb tiegħi, meta kienu l-Ingilterra, kellhom jitolbu permess mingħand bidwi biex jieħdu xi ritratti tal-bejta tal-Barbaġann f'maħzen. Naħseb li taqblu miegħi li l-bidwi Malti jaħsibha ferm differenti minn dawk ta' barra.

Hawn Malta kienu jgħidu li l-Barbaġann kien jagħmel il-ħsara lill-bdiewa. Billi l-Barbaġann jibla l-ikel kważi sħiħ jew f'biċċiet kbar u l-istonku tiegħu ma jsajjarx l-għadam u r-rix, ikollu jerga' joħroġ dawn il-fdalijiet f'forma ta' boċċi tawwalin minn ħalqu. Dawn jissejħu **pellets** u minnhom ornitoloġisti jistgħu jsiru jafu x'inhu l-ikel favorit tal-Barbaġann u xi kwalita' ta' ħlejjaq jinsabu fit-territorju tiegħu. Minn studju li sar fuq **pellets** li ntbagħtu barra minn Malta għall-eżami, ħstab li l-Barbaġann l-aktar li jiekol huma ġrieden u firien.

Ir-rix tal-Barbaġann, bħal tal-kokk li jikkaċċja bil-lejl, hu speċjali għax irid jaqbad il-priża mingħajr ma jagħmel ħoss. Il-pinen tal-ġwienaħ għandhom bħal xagħar fin fuqhom qiesu bellus. Dawn iraqdu u jkissru l-ħoss tat-titjira. Kieku ma kienx hekk, kieku ħafna ġrieden jaħirbu




*Sticker maħruġa mis-Socjeta' Ornitoloġika bħala parti mill-kampanja għall-ħarsien u apprezzament aħjar tal-Barbaġann.*

ġurnata jew iktar differenza minn xulxin. B'hekk jiġri li f'bejta waħda jista' jkun hemm friegħ ta' daqs differenti. F'każ ta' ġuħ, il-ferħ il-kbir jista' jiekol lill-friegħ l-oħra u b'hekk jgħix hu biss flok imutu kollha.




*Ġrieden ta' l-imramma huma mfittxija mill-Barbaġann għall-ikel.*

Hawn Malta żgur li hawn ġrieden biżżejjed għal numru mdaqqas ta' pari ta' Barbaġann, iżda sfortunatament ħafna kaċċaturi joqtlu dan l-għasfur biex jibbalzmawh. Dan m'għandux jibqa' jsir għax barra li l-Barbaġann huwa protett bil-liġi, hu jagħmel ħafna ġid.

Denis Cachia, membru żgħażugħ tas-Soċjeta' Ornitoloġika (MOS), kellu xorti jara' l-Barbaġann ħaj fl-ambjent naturali tiegħu u qal hekk:

*"F'Lulju tas-sena 1978, jiena u żewġ membri oħra tal-MOS morna Għawdex f'post fejn seta' kien għadu jbejjet il-Barbaġann. Wieħed minn sħabi kien żar dan il-post qabel u kien hu li qalilna f'liema toqba fil-blat il-Barbaġann kien darba jbejjet.*

*Qalbna tqawwiet malli wasalna hekk kif sibna numru sabiħ ta'* pellets *taħt dik it-toqba, li wħud minnhom dehru li kienu nxtarru riċentement.*

*Dalam bil-mogħod u fis-skiet tal-lejl bdejna nisimgħu it-tħaxwix tal-ġrieden. F'daqqa waħda deher il-Barbaġann, iħuf bla ħoss matul il-blat għoli. Stajt naralu rasu ċatta u kbira u għalkemm kien id-dlam ir-rix deher li kien ċar ħafna. Ftit wara, smajna l-għajta tiegħu li litteralment twaħxek fis-skiet tal-lejl.*

*Matul il-lejl tfaċċa l-għawġ għax qattiel ta' l-agħsafar spara tlett tiri lejn il-Barbaġann iżda b'xorti tajba ma laqtux. Matul il-bqija tal-lejl il-Barbaġann ma deherx aktar ħlief ftit qabel li sebaħ. Minn dak il-lejl memorabli aħna bqajna inżuru dan il-post tal-Barbaġann u sibna kemm huwa interessanti dan l-għasfur u x'vojt jibqa jekk il-kaċċatur jeqirdu għal dejjem bħal ma qered iċ-Ċawla fl'1956.*

✡ ✡ ✡ ✡ ✡ ✡ ✡




*Is-Soċjeta' għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura (SSCN) ħarġet sticker biex tqajjem kuxjenza publika ħalli l-qbid taż-żrinġijiet jiġi kkontrollat.*

# HOYA FILTERS AND LENSES





***YOUR MEANS TO CREATIVE PHOTOGRAPHY***

HOYA manufacture 50% of the lens blanks in Japan for the domestic market — so buy a Japanese camera with a Japanese lens on it and there should be a 50-50 chance that it came from the Hoya production line.

*Open up the creative world of special effect photography with HOYA HMC Filters. HOYA offers an impressive range of different types and sizes, all Multi-Coated for superior performance with today's Multi-Coated lenses.*

**Available ONLY at**

**SLiEMA RADIO STORE**

70a, THE STRAND. SLIEMA

TELEPHONE: 34655

# Aktar passiġġieri lejn aktar bliet.




L-AIR MALTA biss ittir mill-ajruport ta' Ħal-Luqa lejn daqshekk pajjiżi, għandha daqshekk titjiriet ta' spiss u diretti għal 13-il belt fl-Ewropa, l-Afrika ta' Fuq u Lvant Nofsani, u mill-1 ta' April inżidu Cologne u Hamburg. U fuq kollox, f'ħinijiet tat-tluq mill-aktar komdi għalikom.

Ma' kull titjira, nagħmlu minn kollox biex nagħtu servizz effiċjenti u tajjeb — l-istess servizz li issa l-AIR MALTA saret magħrufa għalih.

**Bħala l-linja nazzjonali ta' l-ajru, aħna kburin u kuntenti bl-ospitalità li noffru lil kulħadd.**

AIRMALTA

**Magħna . . . għax tagħkom**

# IŻ-ŻRINĠ

*minn A E Baldacchino*

IŻ-ŻRINĠ
Painted Frog
*Discoglossus pictus*




Minn qatt ma ra jew sema' biż-Żrinġ. Dan huwa l-uniku speċi ta' żrinġ li nsibu hawn Malta: twil madwar 6-7 ċentimetri. Il-kulur tiegħu ivarja ħafna: ġieli nintaqgħu ma' żrinġijiet kemmxejn griżi, jew kulur iż-żebbuġa. Ġieli jkun safrani jew kannelli u xi kultant ikun ukoll ħamrani fuq id-dahar. Kollha jkollhom dbabar aktar skuri b'burdura ċara mad-dawra. Minn taħt iż-zrinġ huwa abjad b'xi tikek kannella kultant. Ta' spiss nintaqgħu miegħu kull fejn insibu l-ilma: kemm ilma qiegħed kif ukoll dak ġieri. Iħobb joqgħod fl-ilma baxx ta' l-għadajjar, fin-nixxigħat jew fil-ġibjuni. Mhux darba jew tnejn jidher qiegħed b'rasu biss barra mill-ilma. Ħarsa aktar viċin turina l-karatteristiċi taż-żrinġ li għandna hawn Malta: ħabba ta' għajn li tkun aktarx tonda jew triangulari iżda qatt orizzontali. Fil-waqt li speċi ta' żrinġijiet oħra jkollhom it-tambur tal-widna jidher, dak taż-żrinġ tagħna ma tantx jgħati fil-għajn.

Ma l-ewwel bexxa xita, wara li l-widien u l-għadajjar jintlew bl-ilma, iż-żrinġijiet joħorgu mill-postijiet umda fejn ikunu rtiraw għar-'raqda' tas-sajf, u jersqu viċin l-ilma. Ħawnhekk iż-żrinġ isib is-sieħba li wara tbid fl-ilma viċin l-1000 bajda zgħar, waħda, waħda. Il-bajd jiġi mwaħħal mal-ħaxix fl-ilma jew inkella jintelaq biex jifforma saff fil-qiegħ ta' l-għadira. Kull bajda tkun imdawwra f'boċċa 'jelly'. Din tikber għall-madwar 3-4 millimetri wara li tagħmel xi ġurnata jew tnejn fl-ilma.

Minn dawn il-bajd ifaqqsu l-marżep (tadpoles) li jikber sa madwar 3.5 ċentimetri b'denb twil darba u nofs daqs ġisem il-marżep. Dawn jgħixu l-ħajja qasira kollha tagħhom fl-ilma fejn bil-mod il-mod jinbidlu fi żrinġijiet zgħar. L-ewwel itellgħu saqajhom ta' wara u mbgħad is-saqajn ta' quddiem u fl-istess ħin jibdew jitilfu denbhom. Wara li l-marżep kollha jitbidlu fi żrinġijiet, għall-darb'oħra iż-żrinġijiet ix-xjuħ jerggħu isibu sieħba li terġa tbid kullana bajd oħra.

U hekk meta l-kampanja Maltija tinħasel bl-ilma tax-xita li jfawwar l-għadajjar u l-widien, iż-żrinġijiet jimlew dawn l-irqajja ta' ilma biż-żgħar tagħhom. Iżda mal-wasla tal-marżep fil-kampanja Maltija, jaslu wkoll dawk il-gruppi ta' tfal bil-koppijiet u l-vażetti biex jaqbdu dawn il-marżep u ż-żrinġijiet. Xi minn daqqiet dawn il-gruppi jkunu akkumpanjati minn nies kbar li suppost li jafu aħjar li ż-żrinġijiet u l-marżep mhux posthom fil-vażetti fejn imutu wara ftit tal-granet. Għalkemm iż-żrinġ mhux daqshekk rari, xorta waħda dan ma jiġġustifikax il-qbid tiegħu mil-kampanja Maltija. Bħal f'kull qasam ieħor, m'hemmx apprezzament ta' dan il-wirt naturali. Hemm bżonn ta' aktar edukazzjoni biex anke ż-żrinġ jiġi apprezzat aħjar ħalli jkun jista' jgħix ħieles fil-kampanja Maltija. Dan l-apprezzament jista' jsir permezz ta' studju u osservazzjoni u b'hekk iż-żrinġ jista' jitħalla ħieles biex ikompli joktor u jżomm postu fl-ambjent naturali Malti. ●



AN MOS PUBLICATION
PO BOX 498 VALLETTA MALTA